MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 717/2006

**Maltacom Plc 22334**

**vs**

**Deborah Fenech de Fremeaux (ID186876M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elf mitejn sebgha u sebghin Liri Maltin u tnejn u tletin centezmi (LM1277.32) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21340152 (A/C 40007512) skond diversi kontijiet mibghuta lilha u prospett u kuntratt relattiv anessi mat-talba.

Illi l- konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz u li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------